VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,392, 20 ta' Marzu, 2009
Taqsima B

A.L. 81 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Information and Communication Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Information and Communication Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Information and Communication Technology.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Information and Communication Technology;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju fl-ICT; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Information and Communication Technology miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri u minimu ta' ħames snin esperjenza rilevanti miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu; jew

(d) xi grad ieħor bl-unuri b'komponent qawwi fl-ICT li l-Bord iqis li hu komparabbli għall-kwalifiki f'(a), (b) jew (ċ) ta' dan l-ordinament.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu.

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 6 kredti u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 84 kredtu.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha ssir sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun intemm it-tagħlim tat-taqsima studju.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 45,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe zmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

11. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: il-kap tad-dipartiment jew id-delegat tiegħu jew tagħha, bħala *Chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta l-kap tad-dipartiment ikun is-superviżur, huwa jew hija ma tkunx iċ-*chair* tal-Panil.

(2) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom isegwu, skond kif jidhrilhom xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqgħu għall-anqas darbtejn fis-sena biex jirrevedu l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżuri tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni. Id-dissertazzjoni m'għandhiex normalment tkun sottomessa għall-eżami mingħajr l-approvazzjoni tas-superviżur.

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord, bil-miktub, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent

ikunu jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) jkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.